# PRAYER ROOM FIĊ-ĊENTRU PARROKKJALI

Il-Prayer Room minn dejjem kienet fiċ-ċentru tal-pjanijiet tagħna meta konna qegħdin infasslu l-bini l-ġdid taċ-Ċentru Parrokkjali. Dan għaliex aħna nemmnu li l-qofol tal-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ mhumiex l-attivitajiet kollha li nagħmlu, għalkemm huma bżonjużi biex jagħqdu l-grupp, iżda l-qofol tal-pastorali hija r-relazzjoni ta' kull adolexxent u żagħżugħ ma' Ġesù fl-Ewkaristija. Nemmnu li dan inkunu nistgħu nagħmluh aktar billi nagħtuhom l-opportunità li jkollhom post speċjali fejn jiltaqgħu miegħU.

Il-prayer room diġà ġiet attrezzata bl-għamara u bil-bżonnijiet bażiċi l-oħra u kif forsi nnutajtu mill-mezzi soċjali, diġà kellna l-opportunità li nagħmlu diversi esperjenzi fiha, bħal pereżempju: il-prayer group, in-novena taż-żgħażagħ, u anke xi prayer spaces. Però jonqosna żewġ affarijiet essenzjali: Artal ċkejken tal-irħam u tabernaklu fuq pedestall tal-irħam.





Mid-disinn wieħed jista' jinnota li dawn iż-żewġ oġġetti sagri li ser jilqgħu l-ġisem u d-demm ta' Kristu, minkejja li nixtieqū li juru l-imħabba tagħna lejn Ġesù u għalhekk iridu jkunu dinjitużi, ser inżommu mal-istil sempliċi u modern taċ-Ċentru Parrokkjali. Sabiex tieħdu idea aħjar ta' dan il-proġett li nixtieqū nwettqu, tistgħu tagħtu daqqa t'għajn lid-disinni, li jinsabu fi stadju ta' studju qabel jiġu finalizzati.

Għaldaqstant nixtieqū nitolbu l-għajnuna tagħkom il-benefatturi li dejjem għentuna bl-għajnuna finanzjarja u anke bit-talb, sabiex tagħtuna rigal ċkejken tal-Milied minn qalbkom, ħalli l-ħolma tagħna, li nilqgħu lil Ġesù fiċ-Ċentru tagħna b'mod permanenti, issir realtà, bit-tama li aktar adolexxenti jersqu f'riġlejh jitolbu. Tistgħu tibagħtu l-offerta tagħkom l-Uffiċċju Parrokkjali jew ma' wieħed mis-saċerdoti.

Fr Mark Bonello

**AVVIŻI:**

**IS-SIĠRA TAL-KARITÀ:** nirringrazzjaw lil dawk kollha li diġà ġabu l-oġġetti u nfakkru lil dawk li għadhom ma ġabuhomx biex jagħmlu dan f'dawn il-jiem.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA JAVŻA:** li nhar it-Tlieta 28 ta' Diċembru se jorganizza tombla kbira fil-Każin tal-Banda. Tibda fis-7:00pm. Trasport provdut minn kullimkien.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am